

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/62/KE

ta' l-4 ta' Ottubru 2007

li temenda ċerti Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 90/642/KEE rigward il-livelli massimi ta' residwi għal bifenazate, pethoxamid, pyrimethanil u rimsulfuron

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi ġewwa ċ-ċereali u fuqhom ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

- (1) Is-sustanzi attivi li ġejjin ġew inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE: pyrimethanil, pethoxamid, bifenazate u rimsulfuron bid-Direttivi tal-Kummissjoni 2006/74/KE ⁽⁴⁾, 2006/41/KE ⁽⁵⁾, 2005/58/KE ⁽⁶⁾, u 2006/39/KE ⁽⁷⁾ rispettivament.
- (2) L-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati kienet ibbażata fuq il-valutaz-

zjoni tat-tagħrif ippreżentat dwar l-użu propost. It-tagħrif dwar dan l-użu ġie ppreżentat minn ċerti Stati Membri skond l-Artikolu 4(1)(f) ta' din id-Direttiva. It-tagħrif disponibbli ġie rivedut u huwa biżżejjed biex jippermetti li jiġu ffixxati ċerti livelli massimi ta' residwi (MRLs).

- (3) Meta ma jkun jeżisti l-ebda MRL tal-Komunità jew MRL provviżorju, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu MRL nazzjonali provviżorju skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati.
- (4) L-MRLs tal-Komunità u l-livelli rrakkomandati mill-Codex Alimentarius huma stabbiliti u evalwati skond proċeduri simili. Hemm għadd ta' MRLs tal-Codex għal bifenazate. L-MRLs ibbażati fuq l-MRLs tal-Codex ġew evalwati fid-dawl tar-riskji għall-konsumaturi. Ma ġie stabbilit l-ebda riskju meta ntużaw l-*end points* tossikoloġiċi li kienu bbażati fuq l-istudji disponibbli għall-Kummissjoni.
- (5) Ir-rapporti ta' reviżjoni tal-Kummissjoni li tħejjew għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati, iffissaw id-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI) u jekk meħtieġ, id-Doża Akuta ta' Referenza (ARfD) għal dawn is-sustanzi. L-espożizzjoni tal-konsumaturi għal prodotti ta' l-ikel ittrattati bis-sustanzi attivi kkonċernati ġiet ivvalutata skond il-proċeduri tal-Komunità. Ittieħdu wkoll f'kunsiderazzjoni l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ⁽⁸⁾ u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti ⁽⁹⁾ dwar il-metodoloġija użata. Il-konklużjoni hija li l-MRLs proposti mhumiex se jwasslu li jinqabżu l-ADIs jew l-ARfD.

⁽¹⁾ ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/57/KE (ĠU L 243, 18.9.2007, p. 61).

⁽²⁾ ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2007/57/KE.

⁽³⁾ ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/52/KE (ĠU L 214, 17.8.2007, p. 3).

⁽⁴⁾ ĠU L 235, 30.8.2006, p. 17.

⁽⁵⁾ ĠU L 187, 8.7.2006, p. 24.

⁽⁶⁾ ĠU L 246, 22.9.2005, p. 17.

⁽⁷⁾ ĠU L 104, 13.4.2006, p. 30.

⁽⁸⁾ Il-Linji ta' Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

⁽⁹⁾ L-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti rigward kwistjonijiet marbuta ma' l-emendar ta' l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (Opinjoni espressa mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti, 14 ta' Lulju 1998) (http://europa.eu.int/comm/food/fs/sc/index_en.html).

- (6) Sabiex jiġi żgurat li l-konsumatur ikun imħares b'mod xieraq mill-espożizzjoni tar-residwi li jirriżultaw minn użu mhux awtorizzat ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, l-MRLs provviżorji għandhom jifasslu għall-kombinazzjonijiet rilevanti ta' prodott/pestiċida fl-iktar livell baxx tad-determinazzjoni analitika.
- (7) It-tfassil fil-livell tal-Komunità ta' MRLs provviżorji bħal dawn ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jstabbilixxu livelli ta' MRLs provviżorji għas-sustanzi kkonċernati skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI ta' din id-Direttiva. Huwa kkunsidrat li perjodu ta' erba' snin huwa biżżejjed sabiex jippermetti iktar utilizzazzjoni tas-sustanzi attivi kkonċernati. L-MRLs provviżorji għandhom imbagħad isiru definittivi.
- (8) Għalhekk jeħtieġ li jiġu modifikati l-MRLs stabbiliti fl-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE, sabiex jista' jkun hemm sorveljanza u kontroll xierqa tal-projbizzjoni ta' l-użu tagħhom u jitħares il-konsumatur.
- (9) Id-Direttivi 86/362/KEE u 90/642/KEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati skond dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE huwa emendat skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE huwa emendat skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard mill-5 ta' April 2008, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' April 2008.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jstabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 4 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE, jżiedu l-linji li ġejjin għal bifenazate, pethoxamid, pyrimethanil u rimsulfuron:

"Residwi ta' pestiċidi	Livelli massimi fmg/kg
Bifenazate	0,01 (*) ⁽ⁿ⁾ ĊEREALI
Pethoxamid	0,01 (*) ⁽ⁿ⁾ ĊEREALI
Pyrimethanil	0,05 (*) ⁽ⁿ⁾ ĊEREALI
Rimsulfuron	0,05 (*) ⁽ⁿ⁾ ĊEREALI

(*) jindika l-limitu minimu tad-determinazzjoni analitika.

⁽ⁿ⁾ tindika l-livell massimu provviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett minn 25 ta' Ottubru 2011."

ANNEX II

Fil-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, jiżiedu l-kolonna li ġejjin għal bifenazate, pethoxamid, pyrimethanil u rimsulfuron:

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	"Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
1. Frott, frisk, immixxef jew nej, ippriservat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież		0,01 (*) (p)		0,05 (*) (p)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU	0,01 (*) (p)		10 (p)	
Grejpfrut				
Lumi				
Lajm				
Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra)				
Larinġ				
Pomelos				
Oħrajn				
(ii) ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (TREE NUTS) (bil-qoxra jew mingħajrha)	0,01 (*) (p)			
Lewż			0,2 (p)	
Ġewż tal-Brażil				
Ġewż ta' l-anakardju				
Qastan				
Ġewż ta' l-Indi				
Ġellewż				
Makadamja				
Ġwież tal-Pekan				
Ġwież ta' l-arznu				
Pistaċċi			0,2 (p)	
Ġewż				
Oħrajn			0,05 (*) (p)	
(iii) FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (POME FRUIT)	0,01 (*) (p)		5 (p)	
Tuffieħ				
Lanġas				
Sfarġel				
Oħrajn				

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
(iv) FROTT TA' L-GĦADMA	0,01 (*) (P)			
Berquq			3 (P)	
Ċirasa				
Ħawħ (inklużi n-nuċiprisk u ibridi simili)			10 (P)	
Għanbaqar			3 (P)	
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(v) BERRIES U FROTT ŻĠĦIR				
(a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid	0,01 (*) (P)		5 (P)	
Għeneb tal-mejda				
Għeneb ta' l-inbid				
(b) Frawli (ħlief dak salvaġġ)	2 (P)		5 (P)	
(ċ) Frott tal-qasab (ħlief dak salvaġġ)	0,01 (*) (P)			
Tut			10 (P)	
<i>Dewberries</i>				
<i>Loganberries</i>				
Ċawsli			10 (P)	
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(d) Frott żgħir ieħor u <i>berries</i> (ħlief dak salvaġġ)	0,01 (*) (P)		5 (P)	
<i>Bilberries</i>				
<i>Cranberries</i>				
Passolina (ħamra, sewda u bajda)				
<i>Gooseberries</i>				
Oħrajn				
(e) <i>Berries</i> u frott salvaġġ	0,01 (*) (P)		0,05 (*) (P)	
(vi) MIXXELLANJA	0,01 (*) (P)			
Avokado				
Banana			0,1 (P)	
Tamal				
Tin				
Kiwi				
<i>Kumquats</i>				

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
<i>Litchis</i>				
Mango				
Żebbuġ (konsum domestiku)				
Żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt)				
Papaja				
<i>Passion fruit</i>				
Ananas				
Rummien				
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
2. Ħxejjex, friski jew nejnin, iffriżati jew imnixxin		0,01 (*) (P)		0,05 (*) (P)
(i) ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW GĦERUQ	0,01 (*) (P)			
Pitrava zokkrija				
Zunnarija			1 (P)	
<i>Cassava</i>				
Krafes				
<i>Horseradish</i>				
Artiċokks				
Zunnarija bajda				
Għerq tat-tursin				
Ravanell				
Sassefrika				
Patata ħelwa				
<i>Swedes</i>				
<i>Turnips</i>				
<i>Jam</i>				
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(ii) ĦXEJJEX F'SURA TA' BASAL	0,01 (*) (P)			
Tewm				
Basal			0,1 (P)	
<i>Shallots</i>				
<i>Spring onions</i>				
Oħrajn			0,05 (*) (P)	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
(iii) ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA				
(a) <i>Solanacea</i>				
Tadam	0,5 (p)		1 (p)	
Bżar	2 (p)		2 (p)	
Brunġiel	0,5 (p)		1 (p)	
Okra				
Oħrajn	0,01 (*) (p)		0,05 (*) (p)	
(b) Kukurbiti - tal-qoxra li tittiekel	0,3 (p)		1 (p)	
Ħjar				
<i>Gherkins</i>				
Qarabali				
Oħrajn				
(ċ) Kukurbiti tal-qoxra li ma tittikilx	0,01 (*) (p)		0,05 (*) (p)	
Bettieħ				
<i>Squashes</i>				
Dullieġħ				
Oħrajn				
(d) Qamħirrum ħelu	0,01 (*) (p)		0,05 (*) (p)	
(iv) ĦXEJJEX BRASSIKA	0,01 (*) (p)		0,05 (*) (p)	
(a) Brassika li tagħmel il-fjuri				
Brokkli (inkluża l-Calabrese)				
Pastard				
Oħrajn				
(b) Brassika bir-ras				
<i>Brussels sprouts</i>				
Kaboċċa tar-ras				
Oħrajn				
(ċ) Brassika bil-weraq				
Kaboċċa taċ-Ċina				
<i>Kale</i>				
Oħrajn				
(d) Ġidra				
(v) ĦXEJJEX LI L-WERAQ TAGĦHOM JITTIEKEL & ĦAXIX AROMATIKU FRISK	0,01 (*) (p)			
(a) Ħass u simili				
Krexxuni				

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
Ħass tal-ħaruf				
Ħass			10 (P)	
Scarole (<i>endive</i> tal-werqa wiesa)				
Insalata				
Weraq u zkuk tal-brassika, inklużi l-ħxejjex tat- <i>turnip</i>				
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(b) Spinaċi u simili			0,05 (*) (P)	
Spinaċi				
Weraq tal-pitravi (<i>chard</i>)				
Oħrajn				
(ċ) Krexxuni ta' l-ilma			0,05 (*) (P)	
(d) <i>Witloof</i>			0,05 (*) (P)	
(e) Ħaxix aromatiku			3 (P)	
Maxxita				
Il-kurraat salvaġġ				
Tursin				
Weraq tal-karfus				
Oħrajn				
(vi) ĦXEJJEX LEGUMI (friski)	0,01 (*) (P)			
Fażola (bl-imżiewed)			2 (P)	
Fażola (mingħajr imżiewed)				
Piżelli (bl-imżiewed)				
Piżelli (mingħajr imżiewed)			0,2 (P)	
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(vii) ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)	0,01 (*) (P)			
Asparagu				
Kardun				
Karfus				
Bużbież				
Qaqoċċ				
Kurraat			1 (P)	
Rabarbru				

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs	Residwi ta' Pestiċida u livelli massimi ta' residwu (mg/kg)			
	Bifenazate	Pethoxamid	Pyrimethanil	Rimsulfuron
Oħrajn			0,05 (*) (P)	
(viii) FAQQIEGĦ	0,01 (*) (P)		0,05 (*) (P)	
(a) Faqqiegħ ikkoltivat				
(b) Faqqiegħ salvaġġ				
3. Żrieragħ immixxin	0,01 (*) (P)	0,01 (*) (P)	0,5 (P)	0,05 (*) (P)
Fażola				
Għads				
Piżelli				
Lupini				
Oħrajn				
4. Żjut ta' żrieragħ	0,02 (*) (P)	0,01 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,05 (*) (P)
Żerriegħa tal-kittien				
Karawett				
Żerriegħa tal-peprin				
Ġulġlien				
Żerriegħa tal-ġirasol				
Żerriegħa tal-lift				
Żerriegħa tas-sojja				
Żerriegħa tal-mustarda				
Żerriegħa tal-qoton				
Żerriegħa tal-qanneb				
Żerriegħa tal-qargħa ħamra				
Oħrajn				
5. Patata	0,01 (*) (P)	0,01 (*) (P)	0,05 (*) (P)	0,05 (*) (P)
Patata bikrija				
Varjazzjonijiet ta' patata				
6. Te (weraq u zkuk immixxfa, iffermentati jew mod ieħor, <i>Camellia sinensis</i>)	0,02 (*) (P)	0,02 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,1 (P)
7. Hops (immixxef), inklużi ħbub tal-ħops u ħops fil-forma ta' trab mhux ikkonċentrat	0,02 (*) (P)	0,02 (*) (P)	0,1 (*) (P)	0,1 (*) (P)

(*) tindika l-limitu minimu tad-determinazzjoni analitika

(P) tindika l-livell massimu provviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġi emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett mill-25 ta' Ottubru 2011."